MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 314/2006

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Faical Mahouachi**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Fiacal Mahouachi, ta' 37 sena, iben Mahdi Ben Ali Ben Salah u Ben Mashou Macuia Bent Jilani nee Amor, imwieled El Omrane, it-Tuneżija fl-1 ta' Frar 1967 u joqgħod 14 Flat 5 Sqaq il-Bandolier, Żejtun u li għandu n-numru tal-karta tal-identita' 369294(M)

Akkużat talli

(1) fit-8 ta’ Diċembru, 2004, għall-ħabta tas-1.15p.m. f’Tas-Sliema, ikkommetta serq ta’ handbag li kien fih żewġ telefons ċellulari, kartiera b’għoxrin lira Maltija (Lm20), diversi dokumenti u mazz ċwievet, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-vjolenza u l-valur li ma jeċċedix l-elf lira, sar għad-dannu ta’ Alexia Maria Sultan minn Ħal Safi.

(2) fit-8 ta’ Dicembru 2004 u fil-jiem ta’ wara, f’dawn il- Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg u cioe’ l-oggetti msemmija aktar ‘il fuq, misruqa, mehuda b’ qerq jew akkiwstati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’ kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(3) fit-8 ta’ Dicembru 204 ghal habta tas-1:15pm f’ Ta’ Sliema, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alexia Maria Sultana skont ma ccertifika Dr T. Mizzi M.D. tac-Centru tas- Sahha tal-Gzira;

(4) sar recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal- Magistrati datati 30 ta’ Gunju 1995, 20 ta’ Jannar, 1998, 10 ta’ Novembru 2000, 28 ta’ Marzu 2001 u 10 ta’ Gunju 2003, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula; kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur tal-Artikolu 22 ta’ l-Kap 446 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati b’ sentenzi tal-Qorti tal- Magistrati datata 14 ta’ Mejju 2003 u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru 2006 li biha l-Qorti tal-Maġistrati , wara ammissjoni mill-imputat fuq tlieta mill-imputazzjonijiet, sabitu ħati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba’ akkuża u kienet illiberatu mit-tieni imputazzjoni – dik tar-riċetazzjoni – li kienet alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u kkundannatu għall-piena ta’ sentejn priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appell intavolat mill-appellant fl-10 t’Ottubru 2006 li fih l-aggravju huwa ristrett għall-piena. Huwa jissottometti li l-piena hiaj waħda esaġerata meta wieħed jikkonsidra li għanu bżonn ta’ kura u mhux piena stante li huwa dipendenti fuq id-droga. Għalhekk huwa talab lill-Qorti timmitiga l-piena.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li skont il-verbal tat-2 ta' Novembru 2006, marixxal informal lill-Qorti, dak iż-żmien preseduta mill-Imħallef Dr Joe Galea Debono li l-appellant ma kienx notifikat u kien wanted. Il-Qorti kienet ordnat lill-Ispettur Daniel Zammit biex joħroġ avviż fil-gazzetti u t-televiżjoni bir-ritratt tal-appellant u fl-għasaes kollha bil-għan li jkun rintraċċat bħala persuna 'wanted.'

Fis-16 ta'Novembru 2006, kien xehed l-ispettur u esbixxa xi press cuttings dwar l-appellant.

Fis-7 ta' Diċembru 2006 l-Imħallef li kien qed jippresiedi l-Qorti Kriminali dak iż-żmien kien iddiferixxa l-każ sine die waqt li ordna komunika lill-Kummissarju tal-Pulizija għal kull azzjoni opportuna.

Fit-23 ta' Mejju 2013, l-Avukat Ġenerali talab biex il-każ ma jibqax sine die u jerġa' jkun appuntat mill-ġdid.

Fil-15 tOttubru, 2013, il-Qorti ħatret avukat tal-għanjuna legali sabiex jgħin lill-appellant.

**Konsiderazzjonijiet dwar l-appell**

L-aggravju ta' dan l-appell huwa dwar il-piena għaliex l-appellant qed jissottometti li hija waħda esaġerata.

Il-Qorti eżaminat sewwa l-imputazzjonijiet li kien ammetta l-appellant. Jekk il-Qorti timxi mal-piena li hemm ikkontemplata għall-ewwel u għar-raba' imputazzjoni (li tirreferi għall-offiża ħafifa fuq il-persuna waqt li l-appellant kien qed jisraq il-handbag) u tapplika l-matematika involuta fl-artikoli 274(d) u 277(a) tal-Kap 9 ir-riżultat ikun ta' sentejn priġunerija. Skont is-sentenza 'Ir-Repubblika kontra Nicholas Azzopardi', f'każ ta' ammissjoni bikrija, il-Qorti tista' tnaqqas xi ftit mill-piena.

Mhux possibbli li f'każ bħal dan tingħata piena ta' priġunerija sospiża minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 28A(7) dwar li ma tingħatax sentenza sospiża meta l-imputat ikun wieħed reċediv.

Il-Qorti lanqas ma jidhrilha li għandha tapplika l-provvedimenti tal-Kap 446 minħabba li qabel ma seħħ dan ir-reat l-appellant kien diġa' ibbenifika mill-provvedimenti ta'dan il-kap iżda xorta baqa' għaddej iwettaq ir-reati.

Dwar it-trapass taż-żmien, mill-proċess jirriżulta li għal xi żmien wara li intavola l-appell, l-appellant ma seta' jisntab b'xejn ukoll wara d-digriet iebes tal-Imħallef Joseph Galea Debono.

Għalhekk fuq dan il-punt ftit għandu x'jilmenta l-appellant.

Waqt it-trattazzjoni l-abbli avukat difensur issottometta li dak iż-żmien l-appellant kellu l-vizzju tad-droga u kien għadu ħiereġ mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Illum l-appellant ħareġ minn dan il-vizzju tad-droga. Il-Qorti tapprezza li l-appellant ħareġ mill-vizzju tad-droga iżda min-naħa l-oħra dak iż-żmien il-probation officer innifisha kienet qalet fir-rapport tagħha li piena karċerarja kienet tkun aħjar f'dan il-każ. Barra minn dan il-Qorti qed tikkonsidra wkoll l-interessi tas-soċjeta' li għandha toqgħod bi kwieta meta tkun barra għall-affari tagħha. M'hemm ebda skuża li wieħed jisraq għax għandu l-vizzju tad-droga. In-nies għandhom dritt li ma jkunux attakkati malli jkollhom handbag f'idejhom.

Għaldaqstant, il-Qorti mhux qed tilqa' l-appell ħlief li ser tagħmel xi mitigazzjoni fil-piena minħabba ammissjoni bikrija.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2006 billi fiwaqt li qed tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni minħabba li dina hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni, qed tirriformaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal piena ta' sentejn priġunerija effettiva u minflok qed tikkundannah għal piena ta' għoxrin xahar priġunerija effettiva.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------